# Reżoluzzjoni tal-Akkademja tal-Malti Mgħoddija fit-12 ta' Novembru, 1974

L-AKKADEMJA

RAT il-paragrafu 14 tal-abbozz ta' Liġi msejjaħ l-Att tal-1974 dwar l-Interpretazzjoni fejn jipprovdi għall-pubblikazzjoni tal-liġijiet f'wieħed biss mill-Ilsna uffiċjali ta' Malta;

RAT l-art. 75 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jgħid: "Hlief kif provdut xort' oħra mill-Parlament, kull liġi għandha ssir kemm bl-ilsien Malti kif ukoll bl-ilsien Ingliż u, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliż, it-test Malti għandu jipprevali."

RAT l-art. 67 tal-Kostituzzjoni (li jipprovdi għal amenda tal-Kostituzzjoni fil-materja b'maġġoranza sempliċi tar-Rappreżentanti tal-poplu fil-Parlament);

TFISSER it-tħassib serju tagħha fuq il-materja, u t-twemmin tagħha illi l-Malti mħaddem tajjeb jaqdi l-ħtiġijiet ta' l-oqsma kollha tal-ħajja soċjali tal-pajjiż.

TITTAMA għalhekk li tinsab soluzzjoni xierqa li ma jitnaqqas bl-ebda mod il-ġieħ li l-Ilsien Malti għandu jkollu f'pajjiżu u fil-qalb tal-poplu li jitkellmu; u TIRRIKMANDA bil-qawwa kollha li l-applikazzjoni tal-liġi proposta ma twassal QATT għall-esklużjoni tal-Malti minn xi parti tal-liġijiet tagħna.

—— o ——

Studju ta'
KARM. FENECH S.J.

# Poeżiji Miġbura – 1947 — 1972

ta'

**WALLACE Ph. GULIA**

Fil-poeżija ta' Wallace Gulia ma tantx wieħed jista' jistenna jew ifittex il-mużikalità li tinħass f'poeżija oħra, ħlief forsi meta jikteb fuq suġġetti li minnhom infushom jitolbu dan, jiġifieri meta jikteb fuq is-sentimenti tiegħu u mhux fuq ħsibijietu.

Ħafna mil-lehma tiegħu hija filosofika u spiritwali fis-sens wiesgħa tal-kelma kif jixraq u tistenna minn bniedem kolt bħalu. Infatti fil-poeżija "Poeta" (p. 99) jgħidilna x'jifhem b'poeta:

*"Bniedem li jaħseb ħafna u fit-tul,*
*u jemmen fit-tajjeb u s-sabiħ,*
*u fis jintlaqat u jħoss*
*għall-inqas ħaġa li ħaddieħor*
*iħalli mar-riħ tintesa.*
*Wieħed li joħlom wieqaf,*
*li s-sew xi darba jirbaħ"*

Gulia, żagħżugħ mimli ħeġġa, imżejjen b'moħħ ċar u frisk kapaċi jaħtaf l-għerf u jagħmlu tiegħu kull fejn isibu, f'żgħożitu ra l-ħajja tidħaklu u xtaq igħixha fil-milja tagħha. Raha tistiednu u tħajru jgawdiha, ma riedx jaf bil-mewt u l-kruha tagħha għax din ħassha "tgħanni lill-ġmiel mibegħda" (p. 5). Kien igħir f'qalbu għal tamiet sbieħ ta' qalb żagħżugħa:

*"U għirt għas-saħħa ta' mħabbithom sħiħa*
*bla ħjiel ta' frugħa;*
*u għirt ġo qalbi għat-tamiet sabiħa*
*ta' qalb żagħżugħa"*

("*L-Eterno Amore*", *p. 4*)

Fuq il-ġmiel biss ried jaf:

*"Hekk, hekk, kellimni biss*
*fuq ġmiel u ħlewwa*
*u ssemmilix id-dnewwa".*

("*Desideria*", *p. 5*)

U kien joħlom bis-sħiħ kif jagħni ħajtu b'kulma jista' għax kien jemmen li l-mira fil-għoli fiha s-siwi tagħha.

*"Għax jekk inti toħlom*
*eluf ta' ħolm*
*xi waħda sseħħ"*

("*...U Sseħħ il-Ħolma*", *p.91*)

Meta jħares lura jurina x'kienet toffrilu l-ħajja u liema doni Alla żejnu bihom: l-iktar l-għerf li japprezza u r-rieda li jaħdem.

*"Niżżik ħajr Mulejja*
*Kull ma xtaqt tajtni*